SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

16 ta' Settembru 2008 *

Fil-Kawżi magħquda C-468/06 sa C-478/06,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Efeteio Athinon (il-Greċja), b'deċiżjonijiet tat-3 ta' Marzu 2006 (C-468/06 sa C-474/06), tas-17 ta' Marzu 2006 (C-475/06 u C-476/06) u tas-7 ta' April 2006 (C-477/06 u C-478/06), li waslu l-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta' Novembru 2006, fil-proċeduri

Sot. Lélos kai Sia EE (C-468/06),

Farmakemporiki AE Emporias kai Dianomis Farmakeftikon Proïonton (C-469/06),

Konstantinos Xydias kai Sia OE (C-470/06),

Farmakemporiki AE Emporias kai Dianomis Farmakeftikon Proïonton (C-471/06),

Ionas Stroumsas EPE (C-472/06),

* Lingwa tal-kawża: il-Grieg.

Ionas Stroumsas EPE (C-473/06),

Pharmakapothiki Pharma-Group Messinias AE (C-474/06),

K. P. Marinopoulos AE Emporias kai Dianomis Pharmakeftikon Proïonton (C-475/06),

K. P. Marinopoulos AE Emporias kai Dianomis Pharmakeftikon Proïonton (C-476/06),

Kokkoris D. Tsánas K. EPE *et* (C-477/06),

Kokkoris D. Tsánas K. EPE *et* (C-478/06),

vs

GlaxoSmithKline AEVE Farmakeftikon Proïonton, li qabel kienet Glaxowellcome AEVE,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, P. Jann, C. W. A. Timmermans, A. Rosas, K. Lenaerts (Relatur) u A. Tizzano, Presidenti tal-Awla, R. Silva de Lapuerta, K. Schie-

mann, J. Makarczyk, P. Lindh, J.-C. Bonichot, T. von Danwitz u A. Arabadjiev, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: D. Ruiz-Jarabo Colomer,
Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-29 ta' Jannar 2008,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Sot. Lélos kai Sia EE (C-468/06), minn S. E. Kiliakovou, dikigoros,

— għal Farmakemporiki AE Emporias kai Dianomis Farmakeftikon Proïonton (C-469/06 u C-471/06), Konstantinos Xydias kai Sia OE (C-470/06), Ionas Stroumsas EPE (C-472/06 u C-473/06), Pharmakapothiki Pharma-Group Messinias AE (C-474/06) kif ukoll K. P. Marinopoulos AE Emporias kai Dianomis Pharmakeftikon Proïonton (C-475/06 u C-476/06), minn L. Roumanias u G. Papaïoannou, dikigoroi,

— għal Kokkoris D. Tsánas K. EPE *et* (C-477/06 u C-478/06), minn G. Mastorakos, dikigoros,

— għal GlaxoSmithKline AEVE Farmakeftikon Proïonton, minn A. Komninos, D. Kyriakis, T. Kloukinas u S. Zervoudaki, dikigoroi, kif ukoll minn I. Forrester, QC, u A. Schulz, Rechtsanwalt,

— għall-Gvern Taljan, minn I. M. Braguglia, bħala aġent, assistit minn F. Arena, avvocato dello Stato,

— għall-Gvern Pollakk, minn E. Ośniecka-Tamecka kif ukoll minn P. Kucharski u T. Krawczyk, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn T. Christoforou, F. Castillo de la Torre u E. Gippini Fournier, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-1 ta' April 2008,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 82 KE.

2 Dawn it-talbiet ġew ippreżentati fil-kuntest ta' kawżi bejn Sot. Lélos kai Sia EE, Farmakemporiki AE Emporias kai Dianomis Farmakeftikon Proïonton, Konstantinos Xydias kai Sia OE, Ionas Stroumsas EPE, Pharmakapothiki Pharma-Group Messinias AE, K. P. Marinopoulos AE Emporias kai Dianomis Pharmakeftikon Proïonton kif ukoll Kokkoris D. Tsánas K. EPE *et*, grossisti ta' prodotti farmaċewtiċi (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti fil-kawżi prinċipali"), fuq naħa, u l-kumpannija

GlaxoSmithKline AEVE Farmakeftikon Proïonton (iktar 'il quddiem "GSK AEVE"), li qabel kienet Glaxowellcome AEVE, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tar-rifjut ta' din tal-aħħar li tonora l-ordnijiet tagħhom għal ċerti prodotti mediċinali.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

3 Id-Direttiva tal-Kunsill 89/105/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, dwar it-trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-persuna u li jkunu parti mill-pjan ta' sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tas-saħħa (ĠU 1989, L 40, p. 8), tistabbilixxi ċerti kundizzjonijiet li l-Istati Membri huma obbligati josservaw fl-applikazzjoni ta' miżuri nazzjonali maħsuba sabiex jikkontrollaw il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew sabiex jirrestrinġu l-firxa ta' prodotti mediċinali koperti mis-sistemi nazzjonali tagħhom ta' assigurazzjoni tas-saħħa.

4 It-tieni sar-raba' premessi tal-imsemmija direttiva huma redatti bil-mod li ġej:

"Billi Stati Membri adottaw miżuri ta' natura ekonomika dwar il-bejgħ ta' prodotti mediċinali biex jikkontrollaw in-nefqa fis-saħħa pubblika fuq dawn il-prodotti; billi dawn il-miżuri jinkludu kontrolli diretti u indiretti fuq il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali minħabba li tkun nieqsa jew ma jkunx hemm kompetizzjoni għal prodotti mediċinali fis-suq u limitazzjonijiet fuq il-firxa ta' prodotti milquta b'sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tas-saħħa;

Billi l-għan ewlieni ta' dawn il-miżuri hu li tinġieb'il quddiem is-saħħa pubblika billi jkun żgurat li jkun hemm provvista biżżejjed ta' prodotti mediċinali bi prezz raġonevoli; billi, madankollu, miżuri bħal dawn għandhom ukoll ikunu maħsuba biex iġibu'l qudddiem l-effiċjenza fil-produzzjoni ta' prodotti mediċinali u li jgħinu fir-riċerka u fl-iżvilupp ta' prodotti mediċinali ġodda, li fuqhom wara kollox tiddependi ż-żamma ta' livell għoli ta' saħħa pubblika fi ħdan il-Komunità;

Billi miżuri li jkunu differenti minn xulxin jistgħu jfixklu u jgħawġu l-kummerċ intra-Komunitarju ta' prodotti mediċinali u għalhekk dan ikollu effett fuq kif jaħdem is-suq komuni ta' prodotti mediċinali."

5 L-Artikolu 81 tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Novembru 2001, dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, p. 67), kif emendat bid-Direttiva 2004/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004 (ĠU L 136, p. 34, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2001/83"), jipprovdi li:

"Fir-rigward ta' provvista ta' prodotti mediċinali lil spiżjara jew persuni awtorizzati jew intitolati li jipprovdu prodotti mediċinali lill-pubbliku, l-Istati Memb[r]i ma għandhomx jimponu fuq id-detentur ta' awtorizzazzjoni għad-distribuzzjoni li tkun ingħatat fi Stat Membru ieħor xi obbligu, b'mod partikolari obbligi ta' servizz pubbliku, aktar iebsa minn dawk imposti fuq persuni li huma stess kienu awtorizzaw biex jiġġestixxu attivitajiet ekwivalenti.

Id-detentur ta' awtorizzazzjoni għall-marketing għal [għat-tqegħid fis-suq ta'] prodott mediċinali u d-distributuri ta' l-imsemmi prodott mediċinali attwalment imqiegħed fis-suq ta' Stat Membru għandhom, fil-limiti tar-responsabbiltajiet tagħhom, jassiguraw provvista xierqa u kontinwa ta' dak il-prodott mediċinali lil spiżeriji u persuni awtorizzati li jipprovdu prodotti mediċinali sabiex il-ħtiġi[ji]et tal-pazjenti fl-Istat Membru in kwistjoni jkunu koperti.

L-arranġamenti għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom, b'żieda, jkunu ġustifikati fuq raġunijiet tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika u għandhom ikunu proporzjonati fir-rigward ta' l-għan ta' dik il-protezzjoni, b'konformità mar-regoli tat-Trattat partikolarment dawk li jikkonċernaw il-moviment liberu ta' merkanzija u l-kompetizzjoni."

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

6 L-Artikolu 2 tal-Liġi Griega 703/1977, dwar il-kontroll tal-monopolji u tal-oligopolji kif ukoll dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni ħielsa (FEK A' 278) jikkorrispondi, fis-sostanza, għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 82 KE.

7 Skond l-Artikolu 29, tal-Liġi Griega 1316/1983, id-detenturi ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti farmaċewtiċi għandhom l-obbligu li jfornu s-suq, fuq bażi regolari, bil-prodotti mediċinali manifatturati jew importati minnhom.

8 Barra minn hekk, il-liġi Griega tissuġġetta l-attività tal-grossisti ta' prodotti farmaċewtiċi għal awtorizzazzjoni speċifika u għall-obbligu li jkopru b'firxa ta' prodotti farmaċewtiċi l-bżonnijiet ta' żona ġeografika partikolari.

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

9 GSK AEVE hija s-sussidjarja Griega ta' GlaxoSmithKline plc, kumpannija ta' riċerka u produzzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi stabbilita fir-Renju Unit (iktar 'il quddiem "GSK plc"). GSK AEVE tieħu ħsieb l-importazzjoni, il-ħżin u d-distribuzzjoni tal-prodotti farmaċewtiċi pprovduti mill-Grupp GSK (iktar 'il quddiem "GSK") fil-Greċja. B'hekk, hija detentur, fit-territorju tar-Repubblika Ellenika ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq, b'mod partikolari, tal-prodotti Imigran, Lamictal u Serevent, li huma prodotti mediċinali għall-fejqan tal-migranja, l-epilessija u l-ażżma, rispettivament (iktar 'il quddiem il-"prodotti mediċinali inkwistjoni"), u li l-bejgħ tagħhom fil-Greċja huwa suġġett għal riċetta medika.

10 Għal diversi snin, kull waħda mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali xtrat l-imsemmija prodotti mediċinali, taħt il-forom kollha tagħhom, mingħand GSK AEVE sabiex imbagħad tiddistribwixxihom fis-suq Grieg jew fi Stati Membri oħra.

11 Lejn l-aħħar tax-xahar ta' Ottubru 2000, GSK AEVE ddikjarat li kien hemm skarsezza, li hija ma kinitx responsabbli għaliha, ta' dawn il-prodotti mediċinali fis-suq Grieg u dan sabiex tibdel is-sistema ta' distribuzzjoni tagħha f'dan is-suq. Mis-6 ta' Novembru 2000, hija waqfet tonora l-ordnijiet tar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali għall-prodotti mediċinali inkwistjoni u bdiet tiddistribwixxi dawn il-prodotti mediċinali hija stess lill-isptarijiet u lill-ispiżeriji Griegi permezz tal-kumpannija Farmacenter AE (iktar 'il quddiem "Farmacenter").

12 Matul ix-xahar ta' Diċembru 2000, GSK AEVE ppreżentat talba lill-Epitropi Antagonismou (Kummissjoni tal-Kompetizzjoni) għal approvazzjoni negattiva fis-sens li l-politika l-ġdida tagħha ta' bejgħ dirett ta' prodotti mediċinali lill-isptarijiet u lill-ispiżeriji Griegi ma kinitx tikser l-Artikolu 2 tal-Liġi 703/1977.

13 Matul ix-xahar ta' Frar 2001, wara li qieset li l-provvista ta' prodotti mediċinali fis-suq Grieg kienet, sa ċertu punt, reġgħet lura għan-normal u li l-ħażna tal-isptarijiet u

tal-ispiżeriji kienet ġiet stabbilita mill-ġdid, GSK AEVE reġgħet bdiet tforni mill-ġdid lir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali u lil grossisti oħra bi kwantitajiet limitati tal-prodotti mediċinali inkwistjoni, u ftit wara ġabet fit-tmiem il-kooperazzjoni tagħha ma' Farmacenter.

14 Sussegwentement, GSK AEVE irtirat it-talba tagħha għal approvazzjoni negattiva, filwaqt li, matul ix-xahar ta' Frar 2001, ippreżentat talba ġdida għal approvazzjoni negattiva li kienet tirrigwarda l-politika tagħha ta' bejgħ, li eventwalment ġiet ukoll issostitwita fix-xahar ta' Diċembru 2001 b'talba oħra f'dan is-sens. Wara diskussjonijiet mal-Epitropi Antagonismou, GSK AEVE aċċettat li tipprovdi kwantitajiet ta' prodotti mediċinali ekwivalenti għall-konsumazzjoni nazzjonali, b'żieda ta' 18 %.

15 Sadanittant, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali u grossisti oħra ta' prodotti mediċinali flimkien ma' ċerti assoċjazzjonijiet Griegi ta' spiżjara u grossisti adixxew lill-Epitropi Antagonismou bil-għan li jiġi ddikjarat li l-politika ta' bejgħ ta' prodotti mediċinali applikata minn GSK AEVE u GSK plc kienet tikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 2 tal-Liġi 703/1977 u l-Artikolu 82 KE.

16 Fit-3 ta' Awwissu 2001, l-Epitropi Antagonismou, permezz ta' deċiżjoni dwar miżuri provviżorji, obbligat lil GSK AEVE tonora l-ordnijiet tal-prodotti mediċinali inkwistjoni li kienu sarulha mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali sakemm tingħata deċiżjoni definittiva. GSK AEVE ressqet xi talbiet quddiem id-Dioikitiko Efeteio Athinon (Qorti Amministrattiva tal-Appell ta' Ateni) għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni u għall-annullament ta' din id-deċiżjoni, li ġew miċħuda minn din il-qorti.

17 Wara li ġie informat minn GSK AEVE bid-diffikultajiet li din iltaqgħet magħhom sabiex tipprovdi lill-grossisti bil-kwantitajiet mitluba, fis-27 ta' Novembru 2001, l-Ethnikos Organismos Farmakon (Istitut Nazzjonali ta' Prodotti Mediċinali) ippubblika ċirkulari li kienet timponi obbligu fuq il-kumpanniji farmaċewtiċi u fuq id-distributuri kollha ta' prodotti mediċinali li jipprovdu kwantitajiet ekwivalenti għal dawk li jikkorrispondu għall-bżonnijiet ta' prodotti mediċinali suġġetti għal riċetta medikali, b'żieda ta' 25 %.

18 Bejn it-30 ta' April 2001 u l-11 ta' Novembru 2002, kull waħda mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ppreżentat rikors quddiem il-Polymeles Protodikeio Athinon (Tribunal tal-Ewwel Istanza ta' Ateni) fejn sostnew li l-interruzzjoni minn GSK AEVE tal-provvisti tal-prodotti mediċinali ordnati u l-bejgħ tagħhom mill-intermedjarju Farmacenter kienu jikkostitwixxu atti żleali u antikompetittivi kif ukoll abbuż tal-pożizzjoni dominanti li GSK AEVE kellha fuq is-swieq tal-prodotti mediċinali inkwistjoni. Fir-rikorsi tagħhom, l-imsemmija rikorrenti talbu, minn naħa, li GSK AEVE tiġi ordnata tipprovdi l-kwantitajiet ta' prodotti mediċinali li jikkorrispondu għall-medja fix-xahar ta' dak li kienet tipprovdi fil-perijodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Ottubru 2000, u min-naħa l-oħra, li tħallashom għad-danni u tikkumpensahom għat-telf fil-qligħ tagħhom. F'uħud mill-imsemmija rikorsi, intalab iktar speċifikament li l-imsemmija kumpannija tiġi ordnata tipprovdi kwantitajiet li jikkorrispondu għall-medja fix-xahar tal-prodotti mediċinali li kienu ngħatawlhom minn GSK AEVE matul dan l-istess perijodu, b'żieda ta' ċerta perċentwali.

19 Adita fl-istess waqt bl-ilmenti msemmija fil-punt 15 ta' din is-sentenza u b'talba għal approvazzjoni negattiva, l-Epitropi Antagonismou, permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Jannar 2003, staqsiet serje ta' domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 82 KE, u din it-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet irreġistrata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja taħt in-numru C-53/03.

20 Bejn ix-xahar ta' Jannar u x-xahar ta' Ottubru 2003, il-Polymeles Protodikeio Athinon ta d-deċiżjonijiet tiegħu fir-rigward tar-rikorsi ppreżentati mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali kontra GSK AEVE. Filwaqt li ddeċieda li dawn ir-rikorsi kienu ammissibbli, bl-eċċezzjoni għat-talbiet għal kumpens għal telf fil-qligħ, dan it-tribunal ċaħad l-imsemmija rikorsi bħala infondati għar-raġuni li r-rifjut ta' bejgħ min-naħa ta' GSK AEVE kien iġġustifikat u għalhekk ma setax jikkostitwixxi abbuż tal-pożizzjoni dominanti ta' din tal-aħħar.

21 Ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ressqu appell minn dawn id-deċiżjonijiet quddiem l-Efeteio Athinon (Qorti tal-Appell ta' Ateni). F'uħud mill-imsemmija kawżi, GSK AEVE ressqet appell inċidentali. Madankollu, din il-qorti ssospendiet l-eżami ta' wħud mill-kawżi li kienet adita bihom sakemm il-Qorti tal-Ġustizzja tat id-deċiżjoni tagħha fir-rigward tat-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Epitropi Antagonismou.

22 Permezz ta' sentenza tat-31 ta' Mejju 2005, Syfait *et* (C-53/03, Ġabra p. I-4609), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula mill-Epitropi Antagonismou peress li din ma kinitx qorti jew tribunal fis-sens tal-Artikolu 234 KE.

23 Peress li kkunsidrat li sabiex tagħti s-sentenzi tagħha kien neċessarju għaliha li jkollha risposta għall-istess domandi li l-Epitropi Antagonismou kienet staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, l-Efeteio Athinon iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Ir-rifjut, min-naħa ta' impriża f'pożizzjoni dominanti, li tonora kompletament l-ordnijiet li jsirulha mill-grossisti ta' prodotti farmaċewtiċi, jikkostitwixxi fih innifsu aġir abbużiv skond l-Artikolu 82 KE meta l-għan tagħha jkun li jiġu ristretti l-attivitajiet ta' esportazzjoni tal-imsemmija grossisti u b'dan il-mod tiġi limitata l-ħsara kkawżata mill-kummerċ parallel? Ir-risposta għal din id-domanda tiġi affettwata mill-fatt li d-differenzi fil-prezzijiet li jeżistu fl-Unjoni Ewropea minħabba l-intervent tal-Istat, jew fi kliem ieħor, minħabba l-fatt li s-suq ta' prodotti farmaċewtiċi ma joperax taħt kundizzjonijiet assoluti ta' kompetizzjoni, peress li huwa kkaratterizzat minn grad għoli ta' intervent mill-Istat, irrendu l-kummerċ parallel wieħed ta' qligħ għall-grossisti? Fl-aħħar nett, qorti nazzjonali għandha tapplika r-regoli Komunitarji tal-kompetizzjoni bl-istess mod għas-swieq li joperaw b'mod kompetittiv u għal dawk fejn il-kompetizzjoni hija distorta minħabba l-intervent tal-Istat?

2) Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li r-restrizzjoni tal-kummerċ parallel, għarraġunijiet [imsemmija] iktar 'il fuq, m'hijiex dejjem prattika abbużiva meta ssir minn impriża f'pożizzjoni dominanti, kif għandha tiġi evalwata n-natura eventwalment abbużiva?

B'mod partikolari:

a) Il-perċentwali li biha jinqabeż il-konsum nazzjonali normali u/jew dak tad-danni li l-impriża f'pożizzjoni dominanti tkun subiet meta mqabbel mad-dħul mill-bejgħ komplessiv u mal-qligħ komplessiv huma kriterji xierqa? Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, b'liema mod huwa ddeterminat il-livell ta' din il-perċentwali u tad-danni subiti — dan tal-aħħar in kwantu perċentwali tad-dħul mill-bejgħ u tal-qligħ komplessiv — li 'l fuq minnhom l-aġir inkwistjoni jiġi kkunsidrat bħala abbużiv?

b) Jeħtieġ li jkun approċċ ibbażat fuq l-ibbilanċjar tal-interessi u, fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, liema huma l-interessi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni?

B'mod iktar speċifiku:

i) Ir-risposta hija affettwata mill-fatt li l-pazjent-konsumatur finali jieħu vantaġġ finanzjarju limitat mill-kummerċ parallel?

ii) Jeħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi tal-korpi tas-sigurtà soċjali sabiex jinkisbu prodotti mediċinali inqas għoljin, u jekk iva, sa fejn?

ċ) Liema kriterji u approċċi oħra jistgħu jiġu kkunsidrati xierqa f'dan il-każ partikolari?"

24 Permezz tad-deċiżjoni 318/V/2006 tal-1 ta' Settembru 2006, l-Epitropi Antagonismou ddeċidiet dwar l-ilmenti li kienu ppreżentati quddiemha minn GSK. F'din id-deċiżjoni, hija kkonstatat li GSK ma kellhiex pożizzjoni dominanti fis-suq tal-prodotti mediċinali Imigran u Serevent, tenut kont tal-fatt li dawn jistgħu jiġu sostitwiti ma' prodotti mediċinali oħra, iżda kkonstatat li tali pożizzjoni dominanti teżisti għal dak li jikkonċerna l-prodott mediċinali Lamictal, fid-dawl tal-fatt li l-persuni morda bl-epilessija jistgħu jsibuha diffiċli sabiex jadattaw għal prodotti mediċinali oħra intiżi sabiex ifejqu din il-marda.

25 F'din l-istess deċiżjoni, l-Epitropi Antagonismou kkonstatat li GSK kienet kisret l-Artikolu 2 tal-Liġi 703/1977 fil-perijodu bejn ix-xahar ta' Novembru 2000 u dak ta' Frar 2001, iżda li ma kienx hemm ksur ta' dan l-artikolu fil-perijodu ta' wara x-xahar ta' Frar 2001 u li, matul dawn iż-żewġ perijodi, ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 82 KE.

26 Ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali talbu l-annullament tal-imsemmija deċiżjoni quddiem id-Dioikitiko Efeteio Athinon.

27 B'digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Jannar 2007, il-kawżi C-468/06 sa C-478/06 ġew magħquda għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u tal-proċedura orali, kif ukoll għall-finijiet tas-sentenza.

Fuq id-domandi preliminari

28 Permezz tad-domandi tagħha, li jeħtieġ li jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment jekk il-fatt li impriża farmaċewtika li jkollha pożizzjoni dominanti fis-suq nazzjonali ta' ċerti prodotti mediċinali tirrifjuta li tonora l-ordnijiet li jsirulha minn grossisti, minħabba l-fatt li dawn ikunu attivi fl-esportazzjoni parallela

tal-imsemmija prodotti mediċinali lejn Stati Membri oħra, jikkostitwixxix abbuż ta' din il-pożizzjoni dominanti, ipprojbit mill-Artikolu 82 KE.

29 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-rilevanza ta' serje ta' fatturi, bħall-grad ta' regolamentazzjoni li għaliha huwa suġġett is-settur farmaċewtiku fl-Istati Membri, l-effett tal-kummerċ parallel fuq id-dħul tal-impriżi farmaċewtiċi u l-kwistjoni dwar jekk dan il-kummerċ parallel jistax jiġġenera vantaġġi finanzjarji għall-konsumaturi finali tal-imsemmija prodotti mediċinali.

30 Fl-osservazzjonijiet tagħha ppreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja, GSK AEVE ssostni li r-rifjut tagħha li tipprovdi l-kwantitajiet ta' prodotti mediċinali mitluba mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ma jistax jikkostitwixxi abbuż. Fil-fatt, minn naħa, dan ma kienx rifjut ta' provvista fil-veru sens tal-kelma peress li, apparti perijodu ta' ftit ġimgħat bejn ix-xahar ta' Novembru 2000 u x-xahar ta' Frar 2001, hija dejjem kienet lesta li tipprovdi kwantitajiet suffiċjenti lill-grossisti. Min-naħa l-oħra, hija ma qegħditx lil dawn tal-aħħar f'pożizzjoni li fiha kien hemm riskju li jiġu eliminati mis-suq peress li dawn il-provvisti kienu jippermettulhom ikopru l-bżonnijiet kollha tas-suq Grieg, u saħansitra bżonnijiet li kienu jeċċedu dawk ta' dan is-suq.

31 Skond GSK AEVE, il-fatturi li jippermettu li jiġi ddeterminat jekk l-aġir ta' impriża li tirrifjuta li tipprovdi merkanzija huwiex abbużiv jiddependu mill-kuntest ekonomiku u regolatorju tas-sitwazzjoni inkwistjoni. Fir-rigward ta' restrizzjoni tal-provvista ta' prodotti mediċinali intiżi sabiex jillimitaw il-kummerċ parallel, jeħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-leġiżlazzjoni omnipreżenti li tirrigwarda l-prezzijiet u d-distribuzzjoni fis-settur tal-prodotti mediċinali, il-konsegwenzi negattivi ta' kummerċ parallel illimitat fuq l-investimenti li saru minn impriżi farmaċewtiċi fil-qasam tar-riċerka u tal-iżvilupp kif ukoll l-utilità minima ta' dan il-kummerċ għall-konsumaturi finali ta' dawn il-prodotti mediċinali.

32 Għall-kuntrarju, kemm ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali kif ukoll il-Gvern Taljan u dak Pollakk u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej iqisu, fl-osservazzjonijiet tagħhom, li r-rifjut ta' impriża f'pożizzjoni dominanti li tipprovdi l-prodotti mediċinali lill-grossisti bil-għan li tirrestrinġi l-kummerċ parallel jikkostitwixxi, bħala prinċipju, abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 82 KE. Skond huma, ebda wieħed mill-fatturi invokati mill-qorti tar-rinviju u li ġew irrilevati wkoll minn GSK AEVE sabiex tiġġustifika r-rifjut tal-provvista ma jistgħu juru b'ċertezza li din il-prattika hija abbużiva.

Fuq l-eżistenza ta' rifjut ta' provvista ta' natura li telimina l-kompetizzjoni

33 Jeħtieġ li jiġi mfakkar li l-Artikolu 82 KE jipprojbixxi, bħala inkompatibbli mas-suq komuni, sa fejn il-kummerċ bejn l-Istati Membri jista' jiġi milqut, il-fatt li impriża waħda jew iktar tabbuża minn pożizzjoni dominanti fis-suq komuni jew f'parti sostanzjali minnu. Skond is-subparagrafu (b) tat-tieni paragrafu tal-istess artikolu, dawn il-prattiki abbużivi jistgħu jikkonsistu, fost l-oħrajn, fil-limitazzjoni tal-produzzjoni, tas-swieq jew tal-iżvilupp tekniku bi ħsara għall-konsumaturi.

34 Minn ġurisprudenza stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li r-rifjut minn impriża li għandha pożizzjoni dominanti fis-suq ta' prodott partikolari li tonora l-ordnijiet magħmula minn klijent preċedenti jikkostitwixxi abbuż ta' din il-pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 82 KE meta, mingħajr ebda ġustifikazzjoni oġġettiva, dan l-aġir ikun ta' natura li jelimina l-kompetizzjoni min-naħa ta' sieħeb kummerċjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Marzu 1974, Istituto Chemioterapico Italiano u Commercial Solvents vs Il-Kummissjoni, 6/73 u 7/73, Ġabra p. 223, punt 25, kif ukoll tal-14 ta' Frar 1978, United Brands u United Brands Continentaal vs Il-Kummissjoni, 27/76, Ġabra p. 207, punt 183).

35 Fir-rigward tar-rifjut ta' impriża li tipprovdi l-prodotti tagħha fi Stat Membru lil grossisti li jesportaw dawn il-prodotti lejn Stati Membri oħra, tali effett fuq il-kompetizzjoni jista' jeżisti mhux biss meta dan ir-rifjut jostakola l-attivitajiet ta' dawn il-grossisti fis-suq tal-imsemmi Stat Membru, iżda wkoll meta dan iwassal għall-eliminazzjoni tal-kompetizzjoni effettiva min-naħa tagħhom fid-distribuzzjoni ta' dawn l-istess prodotti fuq is-swieq ta' dawn l-Istati Membri l-oħra.

36 F'dan il-każ, huwa paċifiku bejn il-partijiet fil-kawżi prinċipali li, bir-rifjut tagħha li tonora l-ordnijiet tal-grossisti Griegi, GSK AEVE kellha l-intenzjoni li tillimita l-esportazzjonijiet paralleli li saru minnhom lejn is-swieq ta' Stati Membri oħra li fihom il-prezz tal-bejgħ tal-prodotti mediċinali inkwistjoni kien iktar għoli.

37 Fir-rigward ta' setturi oħra apparti dak tal-prodotti farmaċewtiċi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li prattika li permezz tagħha impriża f'pożizzjoni dominanti tipprova tirrestrinġi l-kummerċ parallel tal-prodotti li hija tikkummerċjalizza tikkostitwixxi abbuż ta' din il-pożizzjoni dominanti, b'mod partikolari, meta tali prattika jkollha l-għan li twaqqaf l-importazzjonijiet paralleli, billi tinnewtralizza l-livell eventwalment iktar favorevoli tal-prezzijiet mitluba f'żoni oħra ta' bejgħ fil-Komunità (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Novembru 1975, General Motors Continental vs Il-Kummissjoni, 26/75, Ġabra p. 1367, punt 12) jew meta l-għan tagħha jkun li tostakola l-importazzjonijiet mill-ġdid li jkunu f'kompetizzjoni man-netwerk ta' distribuzzjoni ta' din l-impriża (sentenza tal-11 ta' Novembru 1986, British Leyland vs Il-Kummissjoni, 226/84, Ġabra p. 3263, punt 24). Fil-fatt, l-importazzjonijiet paralleli jibbenefikaw minn ċerta protezzjoni fid-dritt Komunitarju in kwantu jiffavorixxu l-iżvilupp tal-kummerċ u t-tisħiħ tal-kompetizzjoni (sentenza tas-16 ta' Jannar 1992, X, C-373/90, Ġabra p. I-131, punt 12).

38 Madankollu, fl-osservazzjonijiet tagħha bil-miktub, GSK AEVE issostni li l-elementi msemmija mill-qorti tar-rinviju fid-domandi preliminari huma kunsiderazzjonijiet oġġettivi li abbażi tagħhom, il-fatt li impriża farmaċewtika tillimita l-provvista ta' prodotti mediċinali għall-bżonnijiet ta' suq nazzjonali partikolari ma jistax jiġi kkunsidrat bħala abbużiv meta din l-impriża tkun ikkonfrontata b'ordnijiet ta' grossisti attivi fl-esportazzjoni parallela lejn Stati Membri oħra fejn il-prezz tal-bejgħ ta' dawn il-prodotti mediċinali jkun iffissat f'livell ogħla.

39 Sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-rifjut minn impriża farmaċewtika li tipprovdi prodotti mediċinali lil grossisti bħal dawn jaqax effettivament taħt il-projbizzjoni tal-Artikolu 82 KE, b'mod partikolari, is-subparagrafu (b) tat-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk, kif issostni GSK AEVE, jeżistux kunsiderazzjonijiet oġġettivi li abbażi tagħhom prattika bħal din ma tistax titqies bħala abbuż mill-pożizzjoni dominanti li għandha din l-impriża (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi United Brands u United Brands Continentaal vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 184, u tal-15 ta' Marzu 2007, British Airways vs Il-Kummissjoni, C-95/04 P, Ġabra p. I-2331, punt 69).

Fuq in-natura abbużiva tar-rifjut ta' provvista

40 Filwaqt li tirreferi għas-sentenza United Brands u United Brands Continentaal vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, GSK AEVE tosserva, preliminarjament, li impriża dominanti mhijiex obbligata tonora ordnijiet li mhumiex normali u li hija tista' tieħu miżuri raġonevoli li jirrikjedu l-protezzjoni ta' dawn l-interessi kummerċjali leġittimi.

41 Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tas-settur tal-prodotti farmaċewtiċi, GSK AEVE ssostni, l-ewwel nett, li l-loġika ġenerali li tiġi protetta l-kompetizzjoni bejn l-istess trade mark ma tapplikax f'dan is-settur, fejn l-intervent tal-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri jfixkel il-produtturi tal-prodotti mediċinali milli jiżviluppaw l-attivitajiet tagħhom f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni.

42 Fil-fatt, minn naħa, l-impriżi farmaċewtiċi ma jikkontrollawx il-prezzijiet tal-prodotti tagħhom, li huma ffissati, f'livelli differenti, mill-awtoritajiet pubbliċi li, meta jkunu jeżistu sistemi tas-saħħa nazzjonali, huma fl-istess ħin bejjiegħa tal-prodotti mediċinali. Anki meta dawn il-prezzijiet ikunu r-riżultat ta' negozjati mmexxija mill-imsemmija awtoritajiet mal-impriżi farmaċewtiċi, il-fatt li jiġu aċċettati minn dawn tal-aħħar ma jfissirx li dawn il-prezzijiet ikopru l-kost fiss marbut mal-iżvilupp ta'

prodott farmaċewtiku. Barra minn hekk, minkejja l-possibbiltà li tkun teżisti sistema ta' prezzijiet miftehma, l-Istati Membri xorta jkunu f'pożizzjoni li jimponu tnaqqis ta' dawn il-prezzijiet.

43 Min-naħa l-oħra, il-produtturi tal-prodotti mediċinali huma suġġetti għal obbligi preċiżi għal dak li jirrigwarda d-distribuzzjoni tagħhom. Filwaqt li l-impriżi farmaċewtiċi huma obbligati bil-liġi li jipprovdu l-prodotti tagħhom fl-Istati Membri kollha fejn ikollhom l-awtorizzazzjoni li jagħmlu dan, l-esportaturi paralleli huma ħielsa li jittrasferixxu l-attivitajiet tagħhom minn prodott u minn suq lejn prodotti u swieq oħrajn meta dawn tal-aħħar joffru marġni ta' qligħ ogħla, li jista' jwassal għal skarsezza f'ċerti Stati Membri ta' esportazzjoni. B'hekk, il-kummerċ parallel ikollu konsegwenzi negattivi għall-ippjanar tal-manifattura u d-distribuzzjoni tal-prodotti mediċinali.

44 It-tieni nett, GSK AEVE tosserva li l-kummerċ parallel tal-prodotti mediċinali jnaqqas il-qligħ li l-impriżi farmaċewtiċi jistgħu jinvestu f'attivitajiet ta' riċerka u żvilupp, li huma jiddependu minnhom sabiex jibqgħu kompetittivi u attraenti għall-investituri. Min-naħa l-oħra, id-distributuri li jagħmlu qligħ mill-kummerċ parallel bl-ebda mod ma jikkontribwixxu għall-innovazzjoni farmaċewtika. Barra minn hekk, kien hemm riskju li fl-Istati Membri fejn il-prezzijiet tal-prodotti mediċinali huma ffissati f'livell relattivament baxx, tiġi affettwata l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti mediċinali ġodda jekk kien ikun impossibbli għall-impriżi farmaċewtiċi li jirrestringu l-provvista sabiex jillimitaw il-kummerċ parallel. Fil-fatt, f'każ bħal dan, dawn tal-aħħar ikollhom interess li jdewmu l-ħruġ ta' prodotti ġodda fl-Istati Membri fejn il-prezzijiet ikunu baxxi.

45 It-tielet nett, GSK AEVE issostni li l-kummerċ parallel mhuwiex verament ta' benefiċċju għall-konsumaturi finali. Fil-fatt, peress li l-biċċa l-kbira tad-differenza fil-prezz li tirrendi dan il-kummerċ wieħed profittabbli tittieħed mill-intermedjarji, il-kummerċ parallel ma jeżerċitax pressjoni vera fuq il-prezzijiet tal-prodotti mediċinali fl-Istati Membri fejn il-prezzijiet huma ogħla. Fir-rigward tal-Istati Membri fejn ċerti bżonnijiet fi prodotti mediċinali huma koperti minn kuntratti pubbliċi, l-importaturi paralleli, tenut kont tan-natura okkażjonali tal-intervent tagħhom, lanqas ikunu f'pożizzjoni li tippermettilhom inaqqsu l-livell tal-prezzijiet.

46 Filwaqt li jirrikonoxxu li l-projbizzjoni tal-Artikolu 82 KE mhijiex applikabbli meta l-aġir tal-impriża f'pożizzjoni dominanti jkun oġġettivament iġġustifikat, il-Gvern Pollakk u l-Kummissjoni jenfasizzaw li din l-impriża għandha l-obbligu li tagħti prova taċ-ċirkustanzi li jistgħu jiġġustifikaw il-prattika tagħha.

47 Bħall-Kummissjoni u l-Gvern Pollakk, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali jqisu li l-applikazzjoni tal-Artikolu 82 KE ma tistax tkun differenti fis-settur tal-prodotti farmaċewtiċi minħabba l-fatt biss li f'dan is-settur il-prezzijiet huma ffissati, direttament jew indirettament, mill-awtoritajiet pubbliċi. Fil-fatt, anki fl-Istati Membri fejn il-prezzijiet huma baxxi, il-prezz ta' prodott mediċinali jkun ir-riżultat ta' negozjati mal-impriżi farmaċewtiċi, li ma jbigħux il-prodotti mediċinali tagħhom jekk ma jogħġbuhomx il-prezzijiet offruti. Barra minn hekk, ma teżistix rabta kawżali bejn ir-riperkussjonijiet tal-kummerċ parallel fuq id-dħul tal-impriżi farmaċewtiċi u l-investimenti ta' dawn tal-aħħar fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp. Fl-aħħar nett, il-kummerċ parallel tal-prodotti mediċinali jwassal għal vantaġġi żguri għal ċerti pazjenti u jista' jippermetti lis-sistemi nazzjonali ta' sigurtà soċjali jekonomizzaw mill-ispejjeż tagħhom.

48 Ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali jżidu jgħidu li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-elementi ġustifikattivi invokati minn GSK AEVE jmur kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tal-moviment liberu tal-merkanzija, peress li din il-ġurisprudenza tippermetti biss il-ġustifikazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 30 KE.

49 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi mfakkar li, fil-punt 182 tas-sentenza tagħha United Brands u United Brands Continentaal vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li impriża li għandha pożizzjoni dominanti fid-distribuzzjoni ta' prodott — li jibbenefika mill-prestiġju ta' trade mark magħrufa u apprezzata mill-konsumaturi — ma tistax twaqqaf il-provvisti tagħha lil klijent li tkun ilha taħdem miegħu għal żmien twil u li jirrispetta l-użi kummerċjali, meta l-ordnijiet ta' dan il-klijent ma jkollhom l-ebda natura li mhijiex normali. Fil-punt 183 tal-istess sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li aġir bħal dak imur kontra l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1)(f) tat-Trattat KEE [li sar l-Artikolu 3(g) tat-Trattat KE, li huwa stess sar l-Artikolu 3(1)(g) KE], esposti fid-dettall fl-Artikolu 86 tat-Trattat KEE [li sar l-Artikolu 86 tat-Trattat KE, li huwa stess sar l-Artikolu 82 KE], b'mod partikolari, is-subparagrafi (b) u (ċ) tat-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu, peress li r-rifjut ta'

bejgħ jillimita s-swieq bi ħsara għall-konsumaturi u joħloq diskriminazzjoni li tista' twassal għall-eliminazzjoni ta' sieħeb kummerċjali mis-suq inkwistjoni.

50 Fil-punt 189 tas-sentenza United Brands u United Brands Continentaal vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li, għalkemm pożizzjoni dominanti ma ċċaħħadx lil impriża li tkun f'pożizzjoni bħal din mid-dritt li tieħu ħsieb l-interessi kummerċjali tagħha jekk dawn jiġu attakkati, u li jeħtieġ li tingħata, sa fejn huwa raġonevoli, il-possibbiltà li tieħu l-passi li tqis xierqa sabiex tipproteġi l-imsemmija interessi, dan l-aġir ma jistax jiġi aċċettat meta l-għan tiegħu huwa preċiżament li tissaħħaħ din il-pożizzjoni dominanti u li jsir abbuż minnha.

51 F'dan il-kuntest, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk, kif issostni GSK AEVE, fis-settur tal-prodotti farmaċewtiċi jeżistux ċirkustanzi partikolari li minħabba fihom, b'mod ġenerali, ir-rifjut minn impriża f'pożizzjoni dominanti li tipprovdi prodotti mediċinali fi Stat Membru partikolari lil klijenti li jagħmlu esportazzjonijiet paralleli lejn Stati Membri oħra fejn il-prezzijiet ta' dawn il-prodotti jkun ogħla, ma jkunx ta' natura abbużiva.

Fuq il-konsegwenzi tal-kummerċ parallel għall-konsumaturi finali

52 Jeħtieġ li qabel kollox jiġi eżaminat l-argument ta' GSK AEVE li, fl-opinjoni tagħha, fi kwalunkwe każ, il-vantaġġi tal-kummerċ parallel għall-konsumaturi finali huma ftit.

53 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-esportazzjonijiet paralleli ta' prodotti mediċinali minn Stat Membru, fejn il-prezzijiet tagħhom ikunu baxxi, lejn Stati

Membri oħra fejn il-prezzijiet ikunu iktar għoljin, jippermettu, bħala prinċipju, lix-xerrejja tal-imsemmija prodotti mediċinali f'dawn l-Istati tal-aħħar, li jkollhom sors ieħor ta' provvista, li jwassal neċessarjament għal ċerti vantaġġi għall-konsumatur finali ta' dawn il-prodotti mediċinali.

54 Ċertament, kif sostniet GSK AEVE, fir-rigward tal-prodotti mediċinali li jiġu esportati b'mod parallel, l-eżistenza ta' differenza fil-prezz bejn l-Istat Membru ta' esportazzjoni u dak ta' importazzjoni ma jfissirx neċessarjament li l-konsumatur finali f'dan l-Istat Membru tal-aħħar jibbenefika minn prezz li jikkorrispondi għal dak mitlub fl-Istat Membru ta' esportazzjoni, sa fejn il-grossisti li jagħmlu dawn l-esportazzjonijiet ikollhom qligħ huma stess mill-imsemmi kummerċ parallel.

55 Madankollu, is-sors l-ieħor ta' provvista li jirriżulta mill-kummerċ parallel fl-Istat Membru ta' importazzjoni huwa attraenti preċiżament minħabba l-fatt li dan il-kummerċ jista' joffri, fis-suq ta' dan l-Istat Membru, l-istess prodotti bi prezzijiet irħas minn dawk mitluba fl-istess suq mill-impriżi farmaċewtiċi.

56 Minħabba dan il-fatt, anki fl-Istati Membri fejn il-prezzijiet tal-prodotti mediċinali huma rregolati mill-Istat, il-kummerċ parallel jista' jeżerċita pressjoni fuq il-prezzijiet u, għaldaqstant, joħloq vantaġġi finanzjarji mhux biss għall-assigurazzjonijiet tas-saħħa, iżda wkoll għall-pazjenti kkonċernati, li għalihom l-ammont tal-prezz tal-prodotti mediċinali li jibqa' a karigu tagħhom ikun inqas għoli. Bl-istess mod, kif issostni l-Kummissjoni, il-kummerċ parallel tal-prodotti mediċinali minn Stat Membru lejn Stat Membru ieħor jista' jkabbar l-għażla miftuħa għall-entitajiet ta' dan tal-aħħar li jiksbu l-provvista ta' prodotti mediċinali permezz ta' proċedura ta' sejħa għal offerti, li fil-kuntest tagħha l-importaturi paralleli jistgħu joffru prodotti mediċinali bi prezzijiet inqas għoljin.

57 Għaldaqstant, mingħajr ma jkun neċessarju li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar jekk hijiex impriża f'pożizzjoni dominanti li għandha tevalwa n-natura abbużiva

tal-aġir tagħha fir-rigward ta' sieħeb kummerċjali skond kemm l-attivitajiet ta' dan l-aħħar joffru vantaġġi għall-konsumaturi finali, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawżi prinċipali, impriża bħal din ma tistax tibbaża ruħha fuq il-premessa li l-esportazzjonijiet paralleli li hija l-intenzjoni tagħha li tillimita jkollhom biss użu minimu għall-konsumaturi finali.

Fuq l-effett tar-regolamentazzjoni mill-Istat tal-prezzijiet u tal-provvista fis-settur tal-prodotti farmaċewtiċi

58 Sussegwentement, fir-rigward tal-argument ibbażat fuq il-grad tar-regolamentazzjoni tas-swieq farmaċewtiċi fil-Komunità, jeħtieġ li jiġi eżaminat, qabel kollox, l-effett li jista' jkollha r-regolamentazzjoni mill-Istat tal-prezz ta' prodotti mediċinali fuq in-natura abbużiva ta' rifjut ta' provvista tagħhom.

59 Fil-fatt, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-prodotti mediċinali, b'mod partikolari, dawk li jinbiegħu fuq riċetta medika, huma s-suġġett ta' leġiżlazzjoni intiża li tiddetermina, fuq talba tal-produtturi kkonċernati u abbażi ta' informazzjoni pprovduta minnhom, il-prezzijiet ta' bejgħ ta' dawn il-prodotti mediċinali u/jew l-iskala ta' rimbors għal prodott mediċinali partikolari suġġett għal riċetta medika mis-sistemi ta' assigurazzjoni tas-saħħa kkonċernati. Id-differenzi fil-prezzijiet li jeżistu għal ċerti prodotti mediċinali bejn l-Istati Membri b'hekk jirriżultaw mil-livelli differenti li fihom huma ffissati, f'kull wieħed minnhom, il-prezzijiet u/jew l-iskali li għandhom jiġu applikati għal dawn il-prodotti mediċinali.

60 Il-kawżi prinċipali jikkonċernaw qasam li mhuwiex armonizzat u li fih il-leġiżlatur Komunitarju limita ruħu, bl-adozzjoni tad-Direttiva 89/105, li jobbliga lill-Istati Membri jiggarantixxu li d-deċiżjonijiet adottati fir-rigward tal-iffissar tal-prezzijiet u tar-rimbors jittieħdu b'mod trasparenti, mingħajr diskriminazzjoni u f'ċerti termini preċiżi.

61 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, minn naħa, il-kontroll eżerċitat mill-Istati Membri fuq il-prezzijiet ta' bejgħ jew ta' rimbors ta' prodotti mediċinali ma jeskludix il-prezzijiet ta' dawn il-prodotti kompletament mil-liġi tal-offerta u d-domanda.

62 B'hekk, f'ċerti Stati Membri, l-awtoritajiet pubbliċi ma jintervjenux fil-proċess tal-iffissar tal-prezzijiet jew jillimitaw ruħhom li jiffissaw l-iskala ta' rimbors ta' prodott mediċinali suġġett għal riċetta medika mis-sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tas-saħħa, u għaldaqstant iħallu f'idejn l-impriżi farmaċewtiċi sabiex jiddeterminaw il-prezzijiet tagħhom ta' bejgħ. Barra minn hekk, anki jekk, fi Stati Membri oħra, l-awtoritajiet pubbliċi wkoll jiffissaw il-prezz ta' bejgħ tal-prodotti mediċinali, ma jfissirx li l-produtturi tal-prodotti mediċinali kkonċernati m'għandhom ebda influwenza fuq il-livell li fih jiġu ffissati l-prezzijiet ta' bejgħ jew l-ammonti ta' rimbors tagħhom.

63 Fil-fatt, kif issostni l-Kummissjoni, anki fl-Istati Membri fejn il-prezzijiet ta' bejgħ jew l-ammonti ta' rimbors ta' prodotti mediċinali huma ffissati mill-awtoritajiet pubbliċi, il-produtturi tal-prodotti mediċinali kkonċernati jipparteċipaw fin-negozjati li, fuq talba ta' dawn il-produtturi u abbażi tal-prezzijiet proposti minnhom, jiffissaw il-prezzijiet u l-ammonti li għandhom japplikaw. Kif inhuwa ppreċiżat fit-tieni u fit-tielet premessi tad-Direttiva 89/105, meta jiġu ffissati l-prezzijiet tal-prodotti mediċinali, l-imsemmija awtoritajiet għandhom mhux biss jikkontrollaw l-ispejjeż marbuta mas-sistemi tas-saħħa pubblika u jassiguraw provvista suffiċjenti ta' prodotti mediċinali b'kost raġonevoli, iżda għandhom ukoll jippromwovu l-effiċjenza fil-produzzjoni tal-prodotti mediċinali u jinkoraġġixxu r-riċerka u l-iżvilupp ta' prodotti mediċinali ġodda. Kif sostna l-Avukat Ġenerali fil-punti 90 sa 93 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-livell li fih jiġi ffissat il-prezz ta' bejgħ jew l-ammont ta' rimbors ta' prodott mediċinali partikolari jiddependi fuq l-influwenza li l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istat Membru kkonċernat kif ukoll l-impriżi farmaċewtiċi jeżerċitaw fin-negozjati tal-prezz tiegħu.

64 Min-naħa l-oħra, jeħtieġ li jiġi mfakkar li, meta prodott mediċinali jkun protett minn privattiva li tagħti monopolju temporanju lill-proprjetarju tagħha, il-kompetizzjoni dwar il-prezz li tista' teżisti bejn produttur u d-distributuri tiegħu, jew bejn kummerċjanti paralleli u distributuri nazzjonali hija, sal-iskadenza ta' din il-privattiva, l-unika forma ta' kompetizzjoni li jista' jkun hemm.

65 Fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 85 tat-Trattat KEE (li sar l-Artikolu 85 tat-Trattat KE, li huwa stess sar l-Artikolu 81 KE), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ftehim bejn il-produttur u d-distributur li jerġa' jistabbilixxi d-diviżjonijiet nazzjonali fil-kummerċ bejn l-Istati Membri jista' jkun ta' natura li jfixkel l-għan tat-Trattat intiż li jikseb l-integrazzjoni tas-swieq nazzjonali permezz tat-twaqqif ta' suq uniku. Għaldaqstant, kien hemm diversi drabi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kkwalifikat ċerti ftehim intiżi li jaqsmu s-swieq nazzjonali skond il-fruntieri nazzjonali jew li jrendu d-dħul fis-swieq nazzjonali iktar diffiċli, b'mod partikolari, dawk li jipprojbixxu jew jirrestrinġu l-esportazzjonijiet paralleli, bħala ftehim li l-għan tagħhom huwa li jirrestrinġu l-kompetizzjoni fis-sens tal-imsemmi artikolu tat-Trattat (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-8 ta' Novembru 1983, IAZ International Belgium *et* vs Il-Kummissjoni, 96/82 sa 102/82, 104/82, 105/82, 108/82 u 110/82, Ġabra p. 3369, punti 23 sa 27; tat-28 ta' April 1998, Javico, C-306/96, Ġabra p. I-1983, punti 13 u 14, kif ukoll tas-6 ta' April 2006, General Motors vs Il-Kummissjoni, C-551/03 P, Ġabra p. I-3173, punti 67 sa 69).

66 Fid-dawl tal-imsemmi għan tat-Trattat u l-għan li jiġi żgurat li l-kompetizzjoni ma tiġix distorta fis-suq intern, ma jistgħux jiġu esklużi mill-projbizzjoni tal-Artikolu 82 KE l-prattiki ta' impriża f'pożizzjoni dominanti intiżi li jeskludu kull esportazzjoni parallela minn Stat Membru lejn Stati Membri oħra, prattiki li, billi jaqsmu s-swieq nazzjonali, jinnewtralizzaw il-vantaġġi ta' kompetizzjoni effikaċi fir-rigward ta' provvista u ta' prezz li dawn l-esportazzjonijiet iġibu lill-konsumaturi finali f'dawn l-Istati l-oħra.

67 Għalkemm il-grad ta' regolamentazzjoni tal-prezzijiet fis-settur tal-prodotti farmaċewtiċi ma jistax jeskludi l-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji tal-kompetizzjoni, xorta jibqa' l-fatt li, għall-Istati Membri li għandhom sistema ta' ffissar ta' prezzijiet, fl-evalwazzjoni tan-natura abbużiva tar-rifjut ta' impriża farmaċewtika li tipprovdi prodotti mediċinali lil grossisti attivi fl-esportazzjonijiet paralleli, ma jistax jiġi injorat li dan l-intervent tal-Istat huwa wieħed mill-fatturi li jistgħu joħolqu opportunitajiet għall-kummerċ parallel.

68 Barra minn hekk, fid-dawl tal-għanijiet tat-Trattat li jirrigwardaw il-protezzjoni tal-konsumatur permezz ta' kompetizzjoni mhux distorta u l-integrazzjoni tas-swieq nazzjonali, l-imsemmija regoli tal-kompetizzjoni lanqas jistgħu jiġu interpretati

b'mod li, sabiex tiddefendi l-interessi kummerċjali tagħha, l-unika għażla għal impriża farmaċewtika f'pożizzjoni dominanti hija li ma tbigħx il-prodotti mediċinali fi Stat Membru fejn il-prezzijiet tagħhom ikunu ffissati f'livell relattivament baxx.

69 Minn dan isegwi li, għalkemm il-grad ta' regolamentazzjoni tal-prezzijiet ta' prodotti mediċinali ma jistax jeskludi n-natura abbużiva ta' kull rifjut ta' impriża farmaċewtika f'pożizzjoni dominanti li tonora l-ordnijiet li jsirulha minn grossisti attivi fl-esportazzjonijiet paralleli, impriża bħal din għandha madankollu tkun f'pożizzjoni li tieħu miżuri raġonevoli u proporzjonati għall-bżonn li tieħu ħsieb l-interessi kummerċjali tagħha.

70 F'dan ir-rigward, u mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi eżaminat l-argument invokat minn GSK AEVE, li jeħtieġ li l-impriżi farmaċewtiċi jillimitaw l-esportazzjonijiet paralleli sabiex jiġi evitat riskju ta' tnaqqis tal-investimenti tagħhom fir-riċerka u fl-iżvilupp ta' prodotti mediċinali, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, sabiex jiġi evalwat jekk ir-rifjut ta' impriża farmaċewtika li tipprovdi prodotti mediċinali lil grossisti attivi fl-esportazzjonijiet paralleli jikkostitwixxix miżura raġonevoli u proporzjonata meta mqabbla mat-theddida li dawn l-esportazzjonijiet jikkostitwixxu għall-interessi kummerċjali leġittimi tagħha, jeħtieġ li jiġi ddeterminat jekk l-ordnijiet li saru minn dawn il-grossisti humiex ta' natura mhux normali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza United Brands u United Brands Continentaal vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 182).

71 Fil-fatt, għalkemm ma jistax jiġi aċċettat li impriża farmaċewtika f'pożizzjoni dominanti, fi Stat Membru fejn il-prezzijiet huma relattivament baxxi, tieqaf milli tonora l-ordnijiet normali ta' klijent preċedenti sempliċement għaliex dan, filwaqt li jkun baqa' jipprovdi s-suq tal-imsemmi Stat Membru, jesporta ċerti kwantitajiet ordnati lejn Stati Membri oħra fejn il-prezzijiet huma ogħla, din l-impriża xorta tista' topponi, sa fejn huwa raġonevoli u proporzjonat, għat-theddida li l-attivitajiet ta' impriża li tixtieq tiġi pprovduta, f'dan l-ewwel Stat Membru, bi kwantitajiet sinjifikattivi ta' prodotti intiżi essenzjalment għall-esportazzjonijiet paralleli, jistgħu joħolqu għall-interessi kummerċjali tagħha.

72 F'dan il-każ, mid-deċiżjonijiet tar-rinviju jirriżulta li, fil-kawżi li taw lok għal dawn, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ma eżiġewx li GSK AEVE tonora kompletament l-ordnijiet li sarulha, iżda li din il-kumpannija tbiegħilhom kwantitajiet ta' prodotti mediċinali li jikkorrispondu għall-medja fix-xahar mibjugħa matul l-ewwel għaxar xhur tas-sena 2000. F'sitta minn ħdax-il rikors prinċipali, ir-rikorrenti talbu li dawn il-kwantitajiet jiġu miżjuda b'ċerta perċentwali, li ġiet iffissata minn uħud minnhom għal 20 %.

73 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina n-natura normali tal-imsemmija ordnijiet fid-dawl tar-relazzjonijiet kummerċjali preċedenti li kienu jeżistu bejn l-impriża farmaċewtika li għandha pożizzjoni dominanti u l-grossisti kkonċernati kif ukoll id-daqs tal-ordnijiet meta mqabbla mal-bżonnijiet tas-suq tal-Istat Membru kkonċernat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi United Brands u United Brands Continentaal vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 182, kif ukoll tad-29 ta' Ġunju 1978, Benzine en Petroleum Handelsmaatschappij *et* vs Il-Kummissjoni, 77/77, Ġabra p. 1513, punti 30 sa 32).

74 Dawn il-kunsiderazzjonijiet jirrispondu wkoll għall-argument invokat, fit-tieni lok, minn GSK AEVE, dwar l-effett tar-regolamentazzjoni mill-Istat fuq il-provvista ta' prodotti mediċinali, u b'mod iktar partikolari, għall-argument li l-impriżi li jagħmlu esportazzjonijiet paralleli mhumiex suġġetti għall-istess obbligi ta' distribuzzjoni u ta' ħżin bħall-impriżi farmaċewtiċi u b'hekk joħolqu r-riskju li jfixklu l-ippjanar tal-manifattura u tad-distribuzzjoni tal-prodotti mediċinali.

75 Huwa minnu li fil-Greċja, kif jirriżulta mill-punt 8 ta' din is-sentenza, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tissuġġetta lill-grossisti ta' prodotti farmaċewtiċi għall-obbligu li jkopru l-bżonnijiet ta' żona ġeografika partikolari b'firxa ta' prodotti farmaċewtiċi. Huwa minnu wkoll li, fil-każ li l-kummerċ parallel iwassal effettivament għal skarsezza fil-prodotti mediċinali f'suq nazzjonali partikolari, mhumiex l-impriżi li għandhom pożizzjoni dominanti iżda l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li għandhom jirregolaw din is-sitwazzjoni, billi japplikaw il-miżuri xierqa u proporzjo-

nati, skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 81 tad-Direttiva 2001/83.

76 Madankollu, produttur ta' prodotti farmaċewtiċi għandu jkun f'pożizzjoni li jieħu ħsieb l-interessi kummerċjali tiegħu meta jkun ikkonfrontat b'ordnijiet ta' kwantitajiet li mhumiex normali. Dan jista' jkun il-każ, fi Stat Membru partikolari, jekk ċerti grossisti jordnaw minn għand dan il-produttur prodotti mediċinali fi kwantitajiet li mhumiex proporzjonati għal dawk mibjugħa qabel minn dawn l-istess grossisti sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet tas-suq tal-imsemmi Stat Membru.

77 Fid-dawl ta' dak li ngħad preċedentement, jeħtieġ li r-risposta għad-domandi magħmula tkun li l-Artikolu 82 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li impriża li għandha pożizzjoni dominanti fis-suq rilevanti ta' prodotti mediċinali li, sabiex tfixkel l-esportazzjonijiet paralleli li jagħmlu ċerti grossisti minn Stat Membru għal Stati Membri oħra, tirrifjuta li tonora l-ordnijiet magħmula minn dawn il-grossisti u li jkunu ta' natura normali, tkun qed tabbuża mill-pożizzjoni dominanti tagħha. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina n-natura normali tal-imsemmija ordnijiet fid-dawl tad-daqs ta' dawn l-ordnijiet meta mqabbla mal-bżonnijiet tas-suq tal-imsemmi Stat Membru u tar-relazzjonijiet kummerċjali preċedenti bejn l-imsemmija impriża u l-grossisti kkonċernati.

Fuq l-ispejjeż

78 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawżi prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 82 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li impriża li għandha pożizzjoni dominanti fis-suq rilevanti ta' prodotti mediċinali li, sabiex tfixkel l-esportazzjonijiet paralleli li jagħmlu ċerti grossisti minn Stat Membru għal Stati Membri oħra, tirrifjuta li tonora l-ordnijiet magħmula minn dawn il-grossisti u li jkunu ta' natura normali, tkun qed tabbuża mill-pożizzjoni dominanti tagħha. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina n-natura normali tal-imsemmija ordnijiet fid-dawl tad-daqs ta' dawn l-ordnijiet meta mqabbla mal-bżonnijiet tas-suq tal-imsemmi Stat Membru u tar-relazzjonijiet kummerċjali preċedenti bejn l-imsemmija impriża u l-grossisti kkonċernati.

Firem